

Il-Papa Franġisku jistieden lilna lkoll matul dan ix-xahar biex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex il-qassisin, li ħafna drabi jħossuhom xi ftit weħidhom u għajjenin minħabba x-xogħol pastorali tagħhom, isibu l-għajnuna u l-wens fl-intimità ma' Alla permezz tal-ħbiberija tagħhom ma' ħuthom qassisin oħra.

**Qari:** *Siltiet minn omeliji ta' Papa Franġisku lil seminaristi u novizzi*

Bħalma l-omm tieħu t-tarbija fuq irkupptejha u żżiegħel biha, hekk il-Mulej jagħmel magħna. Hija bħal xmara tfur bit-tenerezza li tagħtina daqshekk faraġ. "Bħal omm li tfarraġ lil binha, hekk jien infarraġkom." Kull nisrani, u fuq kollox aħna, imsejħin biex inwasslu dan il-messaġġ ta' tama li jagħti serenitá u ferħ: il-faraġ ta' Alla, it-tenerezza tiegħu lejn kulħadd. Imma nistgħu nkunu aħna dawk li jġibu dan il-faraġ jekk l-ewwel nesperimentaw il-ferħ li aħna mfarrġa minnu, li aħna maħbubin minnu. Dan hu importanti sabiex il-missjoni tagħna tista' tagħti l-frott: inħossu l-faraġ t'Alla u nittrasmettuh!

Aħna li nsibu l-Mulej li jfarraġna, immorru biex infarrġu lill-poplu t'Alla. Din hija l-missjoni. Bla dubju fid-dinja tal-lum għandha bżonn nisimgħu kliem ta' faraġ, imma fuq kollox hemm il-ħtieġa li aħna nagħtu xhieda tal-ħniena, tat-tenerezza tal-Mulej, li jsaħħan il-qalb, li jqajjem it-tama, li jiġbed lejn it-tajjeb. Il-ferħ li ġġib il-faraġ t'Alla!

Mulej, inti kbir bil-bosta u l-ħniena tiegħek bla qies.
Inti ħlaqt lill-bniedem xbieha tiegħek
u ħabbejtu sa mill-ħolqien tiegħu b'imħabba bla tarf
u poġġejtu fil-ġenna tal-art.
Ma pprogrammajtux daqs li kieku kien xi robot,
biex jagħmel biss dak li tgħidlu int.
Anzi tajtu l-għerf u tajtu wkoll il-libertà tal-għażla.
Ħallejt f'idejh biex jagħżel it-tajjeb mill-ħażin
u, għalkemm għadabt għal Adam u Eva meta għamlu d-dnub
u keċċejthom mill-ġnien tal-Eden,
int xorta bqajt tħarishom u bqajt magħhom,

minkejja li huma ma ħarsux l-uniku kmand li tajthom.
Mulej, inti bgħatt lil Ibnek il-waħdieni
biex jgħarrafna t-triq tal-verità u l-imħabba li twassalna għal għandek.
U meta ġie fid-dinja ma bgħattux bħala xi re,
iżda bgħattu bħala tarbija fi ħdan familja fqira.
Mulej Ġesù, bħala bniedem bħalna,
ġarrabt mill-qrib x'jiġifieri tbatija,
x'jiġifieri li jaqbdek il-ġuħ u l-għatx,
x'jiġifieri tgħajja u tħossok waħdek,
u li xi kultant taqta' qalbek
u tħossok minsi minn kulħadd.
B'hekk ħadd minna ma jista' jgħid
li int ma tafx x'jiġifieri tkun bniedem.
Għax int sirt bħalna f'kollox barra mid-dnub.
Iżda int dejjem għażilt li tagħmel ir-rieda ta' missierek.
Mulej, meta Ibnek Ġesù tela' s-sema,
ħalla f'idejn l-Appostli sabiex ikomplu l-ħidma tiegħu.
U għalhekk illum għandna s-saċerdoti
li jgħinuna fil-mixja tagħna fil-ħajja nisranija.
Mulej, forsi xi kultant nistennew iżżejjed mill-qassisin.
Nistennew li jkunu perfetti f'kollox,
li ma jistgħux jiżbaljaw,
li jaqduna mill-ewwel, malli jkollna bżonn.
Ħafna drabi ninsew li huma bnedmin bħalna,
bnedmin tad-demm u l-laħam li jistgħu jiżbaljaw,
li jgħajjew bħalna u li bħalna għandhom bżonn il-mistrieħ.
Għalhekk illum qed nitolbu skont il-fehma ta' Papa Franġisku
sabiex il-qassisin, li ħafna drabi jħossuhom xi ftit weħidhom
u għajjenin minħabba x-xogħol pastorali tagħhom,
isibu l-għajnuna u l-wens fl-intimità miegħek
u permezz tal-ħbiberija tagħhom ma' ħuthom qassisin oħra.

**KANT**

**Qari:** *Minn diskorsi ta' Papa Franġisku lill-qassisin ġodda.*

Il-Papa Franġisku qal li s-seminarist jew il-qassis irid jitgħallem jgħid "iva" u "le" sabiex ikun il-protagonist tal-formazzjoni tiegħu stess. Huwa żied jgħid:

"... Aktar mill-ħoss tal-ambizzjonijiet umani, hu jrid jippreferi s-silenzju u t-talb; aktar milli jafda fuq xogħlu, hu jrid jkun jaf kif jintelaq f'idejn il-fuħħar.... Iktar milli jiżola ruħu, hu jrid ifittex il-ħbiberija ta' ħutu l-qassisin u tal-poplu tiegħu, għax jaf li l-vokazzjoni tiegħu titwieled fil-laqgħa tal-imħabba: ma' Ġesù u mal-poplu t'Alla.

....Meta ssostnu ħbiberiji sinċieri, ħbiberiji tajbin u b'saħħithom li jsaħħukom fil-ministeru tagħkom li se jkollkom fil-futur, żgur li tibdew tapprezzaw il-ħbieb veri, li m'humiex sempliċiment dawk li jaqblu magħna, imma huma rigali mingħand Alla biex jgħinuna fil-vjaġġ ta' dak li hu veru, nobbli u tajjeb.

Mulej Ġesù, inti taf x'jiġifieri tħossok waħdek.
Taf x'ħassejt meta dawk ta'madwarek ma kinux jifhmuk,
meta kont tgħidilhom elf darba l-istess ħaġa
u huma jibqgħu jistaqsu l-istess affarijiet.
Taf ukoll meta oħrajn kienu jduru kontrik
u jippruvaw jaqbduk f'xi nasba li huma kienu jinsġu għalik.
Inti wrejtna l-umanità tiegħek meta tlabt lill-appostli
biex jishru siegħa miegħek meta kont taf x'ġej għalik
u ħassejtek waħdek fil-ġnien tal-Ġetsemani.
Agħti Mulej lill-qassisin l-għajnuna tiegħek
sabiex meta jħossuhom weħidhom u bla appoġġ,
jew forsi jħossu li qed jagħżqu fl-ilma,
ma jaqtgħux qalbhom u, bħalma għamel Ġesù fl-ort tal-Ġetsemani,
jintelqu f'idejk u jitolbu sabiex tkun magħmula r-rieda tiegħek.
Għinhom Mulej sabiex jibqgħu fidili lejn il-vokazzjoni tagħhom.
Mulej, il-Papa Franġisku mhux l-ewwel darba li ta parir lill-qassisin
biex ifittxu l-kumpanija, l-appoġġ u s-solidarjetà mingħand xulxin.
Għin, Mulej, lil dawk il-qassisin li jiltaqgħu biex jgħinu lil xulxin
sabiex jużaw dan il-ħin biex jibnu lil xulxin,
u biex jissapportjaw lil xulxin bil-ħbiberija tagħhom
fil-qadi tal-vokazzjoni tagħhom.
Agħmel Mulej sabiex huma jħarsu lejn il-ħidma tagħhom
mhux bħala karriera iżda bħala mod biex jersqu iktar lejk
u biex juruna t-triq li twassal għal għandek.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbuk Mulej skont l-intenzjoni ta' Papa Franġisku sabiex il-qassisin li, ħafna drabi jħossuhom xi ftit weħidhom u għajjenin minħabba x-xogħol pastorali tagħhom, isibu l-għajnuna u l-wens fl-intimità ma' Alla u permezz tal-ħbiberija tagħhom ma' ħuthom qassisin oħra.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej nitolbuk biex tagħtina l-għajnuna sabiex nagħrfu li l-qassis jitlaq kollox u ma jiżżewwiġx biex ikun jista' jiddedika ħajtu fil-qadi tal-missjoni tiegħu, u għalhekk ikollu bżonn l-appoġġ tagħna. Agħtina l-grazzja Mulej li dejjem inkunu lesti biex noffru l-appoġġ tagħna lis-saċerdoti.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex tagħtina d-dehen ħalli naħsbu fil-bżonnijiet tal-qassisin u noffru ftit mill-ħin tagħna biex nagħtu l-għajnuna u s-sapport tagħna lilhom fil-ħidma pastorali tagħhom.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Fuq kollox Mulej agħti l-għajnuna lis-saċerdoti sabiex meta jħossuhom weħidhom ma jaqtgħux qalbhom iżda jfittxu s-serħan fik.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.